L-Awtorità tax-Xandir
MALTA
Broadcasting Authority

**Skema ta’ Xandiriet għall-Elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew 2024**

**Elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew**

Skont Artiklu 13(4) tal-Att Dwar ix-Xandir, l-Awtorità tax-Xandir għandha d-dmir li torganizza skema ta’ xandiriet politiċi. B’rabta mal-Elezzjoni għall-Parlament Ewropew imsejħa għal nhar is-Sibt 8 ta’ Ġunju 2024, l-Awtorità ħejjiet din l-iskema ta’ xandiriet politiċi.

L-iskema tikkonsisti f’dan il-programmar:

(a) Dibattiti
(b) Spots u Produzzjonijiet
(ċ) Intervisti/Messaġġ

L-iskema tinqasam fuq sitt ġimgħat li tibda fid-29 ta’ April sas-6 ta’ Ġunju 2024.

L-iskema se tkun qed tkopri dawn il-programmi:

(i) 4 dibattiti politiċi ta’ 60 minuta kull wieħed
(ii) Dibattitu ta’ 60 minuta bil-kapijiet jew rappreżentant ta’ ADPD, IE, ABBA u Volt Malta
(iii) Dibattitu ta’ 60 minuta bil-kapijiet tal-PL u l-PN
(iv) Dibattitu ta’ 45 minuta bil-kandidati indipendenti. (F’każ li ma jsirx dan id-dibattitu jingħataw 3 minuti ta’ produzzjoni/spots politiċi lil kull kandidat indipendenti)
(v) Total ta’ 60 minuta bħala produzzjonijiet/spots politiċi għall-Partit Laburista u l-Partit Nazzjonalista u total ta’ 15-il minuta għall-ADPD, IE, ABBA u Volt Malta
(vi) Tliet minuti ta’ messaġġi għall-ADPD, IE, ABBA u Volt Malta
(vii) Ħames minuti ta’ messaġġi għal kull kandidat indipendenti

**Dibattiti:**

Id-dati tas-seba’ dibattiti, li jsiru kollha bil-lingwa Maltija, jidhru fit-tabella ta’ Appendiċi 4.

L-ewwel erba’ dibattiti jinqasmu f’erba’ partijiet. Is-suġġetti jintgħażlu mill-Awtorità u se jittellgħu bil-polza fil-bidu tal-iskema. Is-suġġetti huma mehmuża ma’ dan id-dokument f’Appendiċi 3.

**Total ta' 7 dibattiti (xandiriet politiċi) mqassma kif ġej**:
L-ewwel erba' dibattiti ta' 60 minuta, dibattitu ta' 45 minuta u żewġ dibattiti ta' 60 minuta.

**Is-sekwenza tad-dibattiti indikati fit-tabella t'hawn taħt tittella' bil-polza.**

<table>
<tr><td colspan="4">Partit Laburista</td><td colspan="4">Partit Nazzjonalista</td><td colspan="4">Partit A</td></tr>
<tr><td colspan="4">Partit Laburista</td><td colspan="4">Partit Nazzjonalista</td><td colspan="4">Partit B</td></tr>
<tr><td colspan="4">Partit Laburista</td><td colspan="4">Partit Nazzjonalista</td><td colspan="4">Partit Ċ</td></tr>
<tr><td colspan="4">Partit Laburista</td><td colspan="4">Partit Nazzjonalista</td><td colspan="4">Partit D</td></tr>
<tr><td colspan="12">Kandidati Indipendenti</td></tr>
<tr><td colspan="3">ABBA</td><td colspan="3">ADPD – The Green Party</td><td colspan="3">Imperium Europa</td><td colspan="3">Volt Malta</td></tr>
<tr><td colspan="6">Prim Ministru</td><td colspan="6">Kap tal-Oppożizzjoni</td></tr>
</table>

**Is-sekwenza ta' kif se jixxandru l-ewwel erba' dibattiti se tkun qed tittella' bil-polza f'laqgħa separata qabel tibda l-iskema. Partit A, B, Ċ u D huma l-partiti ADPD, IE, ABBA, Volt Malta.**
**Is-sekwenza ta' kif se jitkellmu l-partiti fl-ewwel erba' dibattiti se tkun qed tittella' bil-polza qabel ir-rikording.**
**Is-sekwenza ta' kif se jitkellmu l-kapijiet tal-partiti ADPD, IE, ABBA u Volt Malta se tkun qed tittella' bil-polza qabel ir-rikording.**
**Is-sekwenza ta' kif se jitkellmu l-kandidati indipendenti se tkun qed tittella' bil-polza qabel ir-rikording.**

L-aħħar żewġ dibattiti indikati fit-tabella t'hawn fuq fihom jieħdu sehem:

- il-Kapijiet tal-ADPD – the Green Party, Imperium Europa, ABBA, u Volt Malta.
- il-Prim Ministru u l-Kap tal-Oppożizzjoni

Id-dibattitu bejn il-kapijiet tal-partiti ADPD – The Green Party, Imperium Europa, ABBA u Volt Malta ser jixxandar it-Tlieta 4 ta' Ġunju fuq TVM fid-20.45.

Id-dibattitu finali bejn il-Prim Ministru u l-Kap tal-Oppożizzjoni ser jixxandar l-Erbgħa 5 ta' Ġunju fuq TVM fid-20:45 u jkun l-aħħar dibattitu tal-mexxejja fuq ix-xandir qabel il-votazzjoni.

Id-dibattiti kollha jkunu rrekordjati dakinhar stess li jkunu ħa jixxandru u jsiru fl-istudios tal-PBS.

**Proċedura Ġenerali**

Ix-xandiriet tad-dibattiti jsiru fuq :-

TVM u simultanjament fuq Radju Malta fid-20.45 fil-ġranet indikati f'Appendiċi 4.

Ix-xandiriet ta' spots u produzzjonijiet jixxandru fuq TVM jew TVMNews+ skont it-talba tal-partit li jibbukkja l-ħin u l-kundizzjonijiet imsemmija f'din l-iskema.

**Proċedura tad-dibatitti**

F'każ li partit jonqos li jattendi dibattitu, id-dibattitu jsir kif ippjanat bil-partiti l-oħra li jkun fadal. Il-ħin tal-partit li jonqos li jattendi jinqasam pro-rata bejn il-parteċipanti l-oħra. F'każ fejn żewġ partiti jonqsu milli jipparteċipaw għad-dibattitu, il-partit l-ieħor li jkun fadal fid-dibattitu jieħu t-tul tal-ħin stabbilit lilhom fl-iskema mingħajr ma jinqasam il-ħin pro rata. F'każ li jkun għad fadal partit wieħed, jieħu l-ħin tiegħu biss.

Bdil ta' parteċipanti wara li l-partit ikun diġà kkomunika l-ismijiet tal-kelliema, jitħalla biss f'ċirkustanzi eċċezzjonali u jrid isir bil-miktub u l-bdil ma jistax isir fil-ġurnata ta' meta jkun ser isir ir-rikording. Dan jerġa' jiġi kkomunikat lill-partijiet l-oħra.

F'każ li recording ikun se jsir fil-ġurnata tat-Tnejn, allura l-ismijiet KOLLHA jridu jiġu kkomunikati lill-Awtorità sa mhux aktar tard minn nofsinhar tal-Ġimgħa.

Id-dibattiti jiġu rrekordjati minn qabel. Il-prassi tkun li r-recording ta' kull programm isir dakinhar stess li jkun se jixxandar u r-recording isir fl-istudios tal-PBS. Il-partiti jiġu mgħarrfa bil-ħin u d-data tar-recording bil-miktub mill-Awtorità.

Huwa l-obbligu tal-partiti li jiżguraw li jinfurmaw lill-kelliema li se jieħdu sehem fil-programm bil-ħin tar-recording. L-Awtorità se tkun qed tikkomunika dak kollu li għandu x'jaqsam ma' din l-iskema bil-miktub (permezz ta' emails u ittri) ma' rappreżentant li jkun innomina l-partit u li l-Awtorità tkun infurmata bihom qabel ma jibda t-tħaddim ta' din l-iskema.

Kull partit għandu d-dritt li jinnomina żewġ rappreżentanti biex jattendu għal kull programm bħala osservaturi. L-ismijiet u n-numru tal-karta tal-identità ta' dawn l-individwi għandhom jaslu għand l-Awtorità 24 siegħa qabel ir-recording tal-programm. Ħadd aktar ma jitħalla jidħol fil-bini tal-PBS jekk ma jkunx awtorizzat li jagħmel dan. Dawn ir-rappreżentanti ma jistgħux jibqgħu fl-istudio meta jkun qed isir ir-recording tal-programm.

L-ebda persuna ma titħalla toqgħod fl-istudio jew fil-control room meta jibda r-recording. Ir-rappreżentanti tal-partiti kif ukoll ġurnalisti li jagħmlu talba sabiex isegwu l-programm għandhom jagħmlu dan mill-kmamar identifikati apposta mill-Awtorità fil-bini tal-PBS. Il-ġurnalisti u l-camerapersons li jiġu jirrapurtaw id-dibattitu wkoll iridu jagħtu n-numru tal-karta tal-identità lill-Awtorità filgħodu kmieni dakinhar stess li jkun se jiġi rrekordjat il-programm.

Filmati u ritratti tad-dibattiti jistgħu jittieħdu biss qabel ma jibda l-programm. Min jiġi tard għal dawn id-dibattiti ma jitħalliex jidħol fl-istudio. Dawn il-filmati u r-ritratti ma jistgħux jixxandru jew jittellgħu online kemm mill-partiti, mir-rappreżentanti tagħhom jew mill-kelliema infushom qabel ma jixxandar id-dibattitu.

Il-kontenut ta' kull programm huwa meqjus embargoed sakemm jixxandar fuq TVM/Radju Malta. Ġurnalisti jingħataw l-opportunità li jsegwu r-recording ħalli jkunu jistgħu jagħmlu r-rapporti tagħhom.

**Format tad-dibattitu**

Is-suġġetti jintgħażlu mill-Awtorità u jittellgħu bil-polza. Is-suġġetti maħsuba għal kull programm huma mehmuża ma' dan id-dokument f'Appendiċi 3.

Mhux permessibli li xi partit jagħmel użu minn produzzjoni waqt xi dibattitu u lanqas mhu permessibli li jinġiebu xi posters jew banners jew affarijiet oħra għal waqt id-dibattitu.

Iċ-Chairperson li jmexxi dawn il-programmi se jkun parteċipattiv fis-sens li jkun ddiskuta t-temi minn qabel mal-kelliema jew rappreżentant u jagħmel mistoqsijiet marbuta mat-temi. Il-kelliema kollha f'dawn il-programmi għandhom joqogħdu għall-istruzzjonijiet u direzzjoni mogħtija miċ-Chairperson waqt il-programm.

**It-tqassim għall-ewwel 4 dibattiti huwa kif ġej*:-**

| | |
|---|---|
| Sigla u introduzzjoni | 2 minuti |
| | |
| Partit A | 5 minuti |
| Partit B | 5 minuti |
| Partit Ċ | 5 minuti |

| | |
|---|---|
| Partit B | 5 minuti |
| Partit Ċ | 5 minuti |
| Partit A | 5 minuti |
| | |
| Partit Ċ | 5 minuti |
| Partit A | 5 minuti |
| Partit B | 5 minuti |
| | |
| Partit A | 4 minuti |
| Partit B | 4 minuti |
| Partit Ċ | 4 minuti |
| | |
| Konklużjoni | 1 minuta |

Ir-running order tal-erba' taqsimiet jiġu ddeterminati bil-polza għal kull dibattitu.

*** Il-partiti f'din ir-running order jiġu determinati bil-polza minn qabel**

**It-tqassim tad-dibattitu* bejn il-kapijiet jew rappreżentanti tal-partiti ADPD, IE, ABBA u Volt Malta**

Dan id-dibattitu se jkun maqsum f'erba' partijiet:

| | |
|---|---|
| Sigla u introduzzjoni | 2 minuti |
| | |
| Partit A | 4 minuti |
| Partit B | 4 minuti |
| Partit Ċ | 4 minuti |
| Partit D | 4 minuti |
| | |
| Partit B | 4 minuti |
| Partit Ċ | 4 minuti |
| Partit D | 4 minuti |
| Partit A | 4 minuti |
| | |
| Partit Ċ | 3 minuti |
| Partit D | 3 minuti |
| Partit A | 3 minuti |
| Partit B | 3 minuti |

| | |
|---|---|
| Partit D | 3 minuti |
| Partit A | 3 minuti |
| Partit B | 3 minuti |
| Partit Ċ | 3 minuti |
| | |
| Konklużjoni | 2 minuti |

*** Il-partiti f'din ir-running order jiġu determinati bil-polza minn qabel**

Ir-running order tal-erba' taqsimiet huwa dak li jidher hawn fuq.

**It-tqassim tad-dibattitu bejn il-Prim Ministru u l-Kap tal-Oppożizzjoni**

| | |
|---|---|
| Sigla u introduzzjoni | 3 minuti |
| | |
| Kap tal-Oppożizzjoni | 5 minuti |
| Prim Ministru | 5 minuti |
| | |
| Kap tal-Oppożizzjoni | 4 minuti |
| Prim Ministru | 4 minuti |
| | |
| Kap tal-Oppożizzjoni | 4 minuti |
| Prim Ministru | 4 minuti |
| | |
| Kap tal-Oppożizzjoni | 4 minuti |
| Prim Ministru | 4 minuti |
| | |
| Kap tal-Oppożizzjoni | 5 minuti |
| Prim Ministru | 5 minuti |
| | |
| Kap tal-Oppożizzjoni | 5 minuti |
| Prim Ministru | 5 minuti |
| | |
| Konklużjoni | 3 minuti |

**Intervisti/Messaġġ**

L-intervista ta' ħames minuti mill-kandidati indipendenti jixxandar it-Tlieta 28 ta' Mejju 2024 fuq TVM fid-20.45. L-ordni ta' kif ser jixxandru jittellgħu bil-polza dakinhar tar-recording.

Tliet minuti ta' messaġġ mill-ADPD, IE, ABBA, Volt Malta li jixxandru nhar it-Tlieta 28 ta' Mejju 2024 fuq TVM wara li jkunu xxandru l-intervisti tal-kandidati indipendenti. Dawn jiġu rrekordjati fl-istudios tal-PBS u l-ordni ta' kif ser jixxandru jittellgħu bil-polza dakinhar ukoll.

**Spots/Produzzjonijiet**

**Format**

Kull spot/produzzjoni tal-partiti jrid ikollha l-logo tal-partit (jew inizjali) jidher fin-naħa t'isfel tal-iscreen fis-safe area kif indikat f'Appendiċi 1.

L-ispots/produzzjonijiet għandhom jintbagħtu bil-we transfer. Il-partiti għandhom jiżguraw li l-format li fuqu jitwassal l-ispot/produzzjoni għandhom jimxu mal-ispecifications annessi ma' din l-iskema f'Appendiċi 1. L-Awtorità tirriżerva d-dritt li ma xxandarx l-ispot f'każ ta' diffikultatjiet tekniċi.

**Skedar**

L-ispots jistgħu jiġu skedati fuq TVM kif ukoll fuq TVMNews+ kuljum mit-Tnejn sal-Ħadd matul is-sitt ġimgħat li tkopri din l-iskema bl-eċċezzjoni tas-7, 9, u l-11 ta' Mejju 2024 bejn it-20:00 sas-01:00.

Mingħajr preġudizzju għall-punti preċedenti, l-ispots jistgħu jixxandru fi kwalunkwe ħin tal-ġurnata magħżula mill-partiti. F'każ li spot jew produzzjoni tiġi inkluża waqt programm u dan il-programm ikollu ripetizzjoni matul ħin ieħor, din l-ispot/produzzjoni ma terġax tixxandar.

Ma jistax ikun hemm iktar minn spot wieħed f'din l-iskema għal kull partit fil-batch ta' reklami qabel l-aħbarijiet tat-20:00. L-ebda spot ma jitħalla jixxandar waqt il-break kummerċjali tal-aħbarijiet tat-20:00. F'każ li jkun hemm booking għal slot wara l-bulettin tal-aħbarijiet dan ikun ifisser li l-ispot jixxandar wara l-aħbarijiet finanzjarji.

Il-booking ta' kull spot għandu jsir b'mod ċar u indikat eżatt f'liema slot u sekwenza li l-partit ikun irid jurih (per eżempju: l-ewwel spot fl-ewwel break tal-programm Y). Jekk ikun hemm talba li spot jixxandar qabel il-programm, dan ikun ifisser qabel is-sigla tal-programm.

F'każ ta' sensiela ta' spots ta' partiti differenti li jixxandru wara xulxin, dawn jinfirdu b'jingle ta' TVM jew tal-Awtorità.

F'każ li jkun hemm aktar minn booking wieħed għall-istess ħin, tinħadem sistema ta' rotazzjoni li tiġi kkomunikata lill-partiti. Din tinħadem ġimgħa ġimgħa.

**Timings**

Minn total ta' 60 minuta ta' spots/produzzjonijiet li l-PL u l-PN għandhom kull wieħed, jistgħu jużaw massimu ta' 12-il minuta fl-aħħar ġimgħa tal-kampanja, u ċjoè bejn it-Tnejn 3 ta' Ġunju u l-Ħamis 6 ta' Ġunju 2024. Minn dan il-massimu ta' 12-il minuta, fl-aħħar ġimgħa, kull partit jista' jagħmel użu minn total ta' 10 spots ta' 10 sekondi.

Minn total ta' 15 minuta ta' spots/produzzjonijiet li l-ADPD, IE, ABBA u Volt Malta jistgħu jużaw massimu ta' 3 minuti fl-aħħar ġimgħa tal-kampanja u ċjoè bejn it-Tnejn 3 u l-Ħamis 6 ta' Ġunju. Minn dan il-massimu ta' 3 minuti, fl-aħħar ġimgħa, kull partit jista' jagħmel użu minn total ta' 10 spots ta' 10 sekondi.

Kull spot għandu jkun ta' minimu ta' 30 sekonda u ma jkunx itwal minn 3 minuti. Madankollu kull partit jista' jagħmel mhux aktar minn total ta' 10 minuti (inkluż il-proporzjon tal-aħħar ġimgħa) li jikkonsistu fi spots ta' 10 sekondi. Jekk il-partiti ma jużawx il-minuti allokati fi spots b'10 sekondi, dawn ma jintilfux u jistgħu jintużaw b'durata differenti.

Jekk xi partit ma jagħmilx użu mill-ħin allokat għalih għal spots/produzzjonijiet assenjati lilu skont din l-iskema, allura jintilef id-dritt tal-ħin allokat għalih.

**Proċedura**

Il-bookings tal-ispots/produzzjonijiet għandhom isiru mad-Dipartiment tal-Monitoring fuq bażi ta' ġimgħa ġimgħa. Għalhekk, għal finijiet tal-elezzjoni għall-Parlament Ewropew, il-ġimgħat se jinqasmu minn nhar ta' Tnejn sal-Ħadd bl-aħħar ġimgħa tkun bejn it-Tnejn 3 u l-Ħamis 6 ta' Ġunju 2024.

Il-bookings ta' kull ġimgħa għandhom jaslu għand l-Awtorità sa mhux aktar tard mill-Ħamis tal-ġimgħa ta' qabel ma jkunu se jintwerew il-produzzjonijiet/spots. Kull produzzjoni/spot għandha tasal għand l-Awtorità 24 siegħa qabel ma tkun se tixxandar. L-Awtorità tirriserva d-dritt li tikkanċella booking ta' spot jew produzzjoni f'każ li dan ma jasalx għand l-Awtorità 24 siegħa qabel m'għandu jixxandar. F'każ li spot ikun se jixxandar is-Sibt jew il-Ħadd, dan għandu jasal għand l-Awtorità sa nofsinhar tal-Ġimgħa. Din il-proċedura ta' bookings issir biex tinħadem rotazzjoni f'każ li jkun hemm clash bejn spots politiċi minn partiti differenti. F'każ li l-bookings ta' xi partit ma jaslux fil-ħin indikat f'din l-iskema, l-Awtorità tirriżerva d-dritt li dak il-partit jitlef id-dritt li jkun parti mir-rotazzjoni għal dik il-ġurnata partikolari.

L-istess spot ma jistax jintuża għaż-żewġ skemi ta' xandiriet politiċi.

Huma l-uffiċjali tal-Awtorità tax-Xandir li jikkordinaw mal-PBS għax-xandir tal-ispot jew produzzjoni. Il-kopja oriġinali tal-ispot tintbagħat lill-Awtorità u tkun din l-istess kopja li l-uffiċjali tal-Awtorità jwasslu għand il-PBS. Mhux permess li partit jiddepożita spot/produzzjoni direttament għand il-PBS.

F'każ li spot ma jixxandarx minħabba qtugħ fit-trasmissjoni tas-sistema 'free to air' il-partiti milquta jkollhom id-dritt li jxandru tali spots f'ħin ieħor wara li jsir ftehim mal-Awtorità. Qtugħ fit-trasmissjoni tfisser qtugħ fis-sors tal-istazzjon (i.e. TVM) u mhux qtugħ f'xi lokalità jew lokalitajiet.

Il-partiti jintrabtu li jiffirmaw l-indemnity form annessa ma' din il-proċedura. Din għandha tasal għand l-Awtorità sa mhux aktar tard minn nhar it-Tnejn 29 ta' April 2024. Ma jitħallewx jixxandru spots jew produzzjonijiet sakemm il-partit ma jkunx iddepożita l-indemnity form mal-Awtorità tax-Xandir.

L-Awtorità tfakkar li f'każ fejn ikun hemm użu ta' minuri fi spots jew produzzjonijiet politiċi il-partiti għandhom jaraw li jkun hemm bil-miktub il-kunsens tal-ġenituri. F'każ li jkun hemm tfal f'attivitajiet politiċi dawn għandhom jintwerew b'mod inċidentali mingħajr il-ħtieġa ta' użu ta' close-ups jew teknika oħra.

Spot ma jistax jinkludi promozzjoni ta' kontenut li se jkun qed jixxandar fuq servizzi awdjo viżivi u radju anke jekk dan il-kontenut ikun parti minn attività ta' kampanja elettorali. Barra minn hekk, spot ma jistax ikun forma ta' promozzjoni tal-programm.

L-Awtorità tax-Xandir iżżomm il-jedd tal-copyright tat-trażmissjonijiet kollha li jsiru f'din l-iskema.

15 ta' April, 2024

**Appendiċi 1**

## TECHNICAL FORMAT FOR TELEVISION POLITICAL SPOT DELIVERY

| | |
|---|---|
| Format | XDCAM HD422 Op1a 1080i50 - 'xd5c'Mbps |
| Bit Rate | 50.1 Mbit/s |
| Bit Depth | 8bits/channel |
| Rate | 25 fps Interlaced (upper field First) |
| Display/Encoded Size | 1920 x 1080 |
| Audio | Stereo Ch1 & 2 L&R R128 compliant supplied transported and wrapped within the MXF Op1a file specification. Audio levels should not peak over - 12db |
| Time Code | The time code of the programme should be continuous and the first frame of the programme should start at 01.00.00.00. |
| Text | All text and logos should be within the safe area |

L-Awtorità tax-Xandir
MALTA
Broadcasting Authority

## Appendiċi 2

### Stqarrija ta' ħelsien mir-responsabbiltà b'rabta mal-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew

Illum, ta' April 2024, kull partit politiku, moviment u kandidat indipendenti msemmi hawn taħt li qed jieħu sehem fl-iskema tax-Xandiriet Politiċi mtella' mill-Awtorità tax-Xandir bejn _______u ______ qed jagħti kelmtu li, sa fejn jaf hu, bl-ebda mod mhu se jipprova jdaħħal f'xi riklam jew messaġġ politiku tiegħu—l-iktar bi stampi, ħsejjes, kliem, mużika, xbiehat jew għemil jew imġibiet— materjal li jimmalafama, ixewwex, jillibella, joffendi jew li huwa msejjes fuq gidba li tagħmel il-ħsara; jew inġurji tal-isem; jew delitti kontra jew ksur ta' xi monopolju, jedd tal-awtur, trademark, privattiva industrijali; jew xi reat kriminali jew disprezz tal-qorti; jew ksur tal-privileġġi tal-Kamra tad-Deputati jew imġiba oħra li tikser id-dispożizzjonijiet ta' xi liġi oħra u għandu dejjem jagħmel tajjeb għall-Awtorità, għal PBS Limited u għall-partiti politiċi, għall-movimenti u għall-kandidati indipendenti l-oħra li qed jieħdu sehem f'din l-iskema għal kull talba, nefqa, danni, penali, spiża u proċedura li jinfetħu kontra—jew li jeħlu—l-Awtorità u l-partiti politiċi, il-movimenti u l-kandidati indipendenti minħabba li jkunu daħħlu x-xorta ta' materjal imsemmi hawn fuq (anki jekk mingħajr ma kienu jafu) f'xi produzzjoni jew riklam politiku mogħtija minnhom.

Sakemm l-Awtorità tax-Xandir, PBS Limited jew il-partiti politiċi, il-movimenti jew il-kandidati indipendenti l-oħra li qed jieħdu sehem f'din l-iskema dawn ma jkunux ġew ordnati jħallsu xi talbiet, nefqiet, danni, penali jew spejjeż, kemm tal-qorti kif ukoll dawk ta' xorta oħra, minħabba ksur marbut ma' xi ħaġa minn dawn imsemmija hawn fuq b'sentenza tal-qorti li ma tistax tiġi appellata iktar, l-ebda firmatarju mhu se jintalab jagħmel tajjeb għalihom.

L-Awtorità tax-Xandir, PBS Limited u/jew il-partiti politiċi, il-movimenti u l-kandidati indipendenti, skont min ikunu, għandhom jgħarrfu lill-partiti politiċi, lill-movimenti u lill-kandidati indipendenti bit-talba u/jew il-proċedimenti ġudizzjarji jew kull xorta oħra ta' proċedimenti msemmija f'dan id-dokument u dawk il-partiti politiċi, il-movimenti u l-kandidati indipendenti se jkollhom il-jedd li jgħinu u jiddefendu ruħhom minn dawk it-talbiet flimkien mal-Awtorità tax-Xandir, ma' PBS Limited u/jew mal-partiti politiċi, mal-movimenti u mal-kandidati indipendenti l-oħra.

Għal u f'isem (ikteb isem il-partit politiku meta jkun il-każ) _____________________

Isem u kunjom _____________________

Kariga uffiċjali fi ħdan il-Partit Politiku (jew moviment meta jkun il-każ) _____________________

Data _____________________

Firma _____________________

## Appendiċi 3

## Suġġetti proposti mill-Awtorità biex jiġu diskussi fid-dibattiti

- Il-politika tal-ekonomija u xogħol
- Ir-relazzjonijiet internazzjonali tal-Unjoni Ewropea u l-immigrazzjoni
- L-isfida tal-bidla fil-klima u l-ħarsien ambjentali
- L-investiment fl-edukazzjoni u ż-żgħażagħ

## Suġġett għad-dibattiti tal-mexxejja

- L-Unjoni Ewropea – 20 sena wara sħubija fejn sejrin?

## Appendiċi 4

**DIBATTITI / INTERVISTI / MESSAĠĠI**

**2024**

| Tnejn | Tlieta | Erbgħa | Ħamis | Ġimgħa | Sibt | Ħadd |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 29 | 30 | Mejju 1 | 2<br>Dibattitu PL / PN / Partit A | 3 | 4 | 5 |
| 6 | 7 | 8 | 9 | 10 | 11 | 12 |
| 13 | 14 | 15 | 16<br>Dibattitu PL / PN / Partit B | 17 | 18 | 19 |
| 20 | 21<br>Dibattitu Kandidati Indipendenti | 22 | 23<br>Dibattitu PL / PN / Partit Ċ | 24 | 25 | 26 |
| 27 | 28<br>Intervisti Kandidati Indipendenti (MEP)<br>Messaġġi ABBA, ADPD, IE, VM | 29 | 30<br>Dibattitu PL / PN / Partit D | 31 | Ġunju 1 | 2 |
| 3<br>. | 4<br>Dibattitu ABBA / ADPD / Imperium Europa/ volt Malta | 5<br>Dibattitu Prim Ministru / Kap tal-Oppożizjoni | 6 | 7<br>Jum is-Silenzju | 8<br>Jum il-Votazzjoni | |